MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 671/2004

**Charlot Gauci**

**vs**

**Sundream Ltd. (C 10426)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-30 ta' Novembru, 2004 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta illi prevja d-dikjarazzjoni li d-dghajsa tal-marka FibraFort Twister 150 [SRL:BR-FM100758C404]; kienet affettata minn difetti latenti meta nxtrat mill-attur, tordna r-rexissjoni tal-bejgh ta' l-istess dghajsa tal-marka FibraFort Twister 150 [SRL:BRFM100758C404]; tal-*boat trailer* UR 7BN/A DR W/BRKS [SRL:ZDEURIM5B000003]; tal-mutur *outboard* tal-marka Tohatsu M40HP C EP 2 Cyclinder [SRL:030083XC] u tal-*fuel tank* u *gauges*, stante li dawn l-affarijiet gew mibjughin b'mod li l-wahda ma kinitx tinbiegh jew tinxtara minghajr l-ohra, u tikkundanna lis-socjeta'

konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, seba' mija u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm4,730.21) somma mhallsa mill-attur ghall-istess oggetti msemmija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 7 ta' Ottubru, 2004 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sad-data ta' l-eventwali hlas, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Sundream Ltd fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, l-avviz promotur huwa inkorrett dwar is-segwenti fatti, u cioe':
(i) li l-kuntratt li sehh bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' bejgh izda ta' tpartit ma' *dinghy* (SRL:IT-LOM T 3510 C304 ta' l-ghamla *Lomac* 350LX, numru ta' registrazzjoni S-16076, mixtri precedentement mill-istess attur ukoll minghand is-socjeta' konvenuta flimkien ma' trailer u diversi accessorji ghal prezz ta' elfejn u disa' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u disgha u tletin centezmu – Lm2,928.39) flimkien mal-hlas ta' zieda ta' elf, tliet mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,351.82) rapprezentanti d-differenza bejn il-prezz tad-dghajsa u tad-*dinghy* bl-accessorji relattivi; u
(ii) li l-valur attribwit mill-partijiet lid-dghajsa, inkluz il-prezz tad-*dinghy* mpartat, kien ta' erbat elef, mitejn u tmenin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm4,280.21) u mhux ta' erbat elef seba' mija u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm4,730.12) kif reklamat;

2. Illi fil-mertu, d-dghajsa de quo ma hi affetta minn ebda difett, billi l-*cracks* fil-foam li qed jilmenta dwarhom l-attur huma biss ta' natura kosmetika u ma jikkostitwux difetti fid-dghajsa, kif jista' jigi stabbilit permezz ta' esperti nominandi u kif spjegat lill-attur qabel u waqt it-tpartit;
3. Illi tali *cracks* fl-ebda mument ma kienu latenti, billi huma visibbli hafna u fil-fatt gew innutati u accettati mill-attur meta spezzjona u ttestja d-dghajs qabel ma gie ffinalizzat it-tpartit;

4. Illi l-pretensjonijiet attrici jmorru kontra l-ftehim espress li kien hemm bejn il-partijiet fis-sens illi l-attur obbliga ruhu li jikkonsenja d-dghajsa lis-socjeta' konvenuta wara t-tmiem ta' l-istagun tas-sajf biex il-*cracks* in kwistjoni jigu stokkjati u mizbughin, haga li huwa eventwalment irrifjuta li jaghmel;
5. Illi mhuwiex minnu li l-attur jixtieq jirrixxendi n-negozju minhabba d-difett minnu allegat, izda ghaliex iddispjacih u rega' bdielu sija li xtara d-*dinghy* originali u sija li l-eventwalment partatha mad-dghajsa in kwistjoni ghal ragunijiet personali tieghu kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi;
6. Illi l-fatt illi l-attur gawdea u bbenefika mid-dghajsa de quo sa' l-ahhar ta' l-istagun tas-sajf u beda jilmenta mill-allegat difett biss wara tmiem ta' l-istagun, ghalkemm kien konxju mill-*cracks* in kwistjoni sa' minn qabel ma sehh il-bejgh, u baqa' sa' issa la offra li jirritorna d-dghajsa u lanqas ma ddepositha that l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti jammonta skond il-gurisprudenza kostanti ghal rinunzja tacita ghal kwalunkwe dritt illi l-attur jesperixxi l-*actio redhibitoria*;
7. Illi minghajr pregudizzju, dina l-Onorabbli Qorti fi kwalunkwe kaz ma tistax tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur issomma minnu reklamata u dan in kwantu r-rexissjoni tat-tpartit maghmul jista' biss igib l-obbligu li l-partijiet jergghu jiskambjaw iz-zewg oggetti suggetti tat-tpartit, b'rifuzjoni tad-differenz mhallas mill-attur;
8. Illi finalment is-socjeta' attrici qieghda kontestwalment tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni attrici sabiex tipproponi l-annessa kontrotalba taghha ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12, u dan sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma t-tpartit esegwit bejn il-partijiet u tordna lill-attur jersaq ghad-debita registrazzjoni tat-traferiment lura lis-socjeta' konvenuta tad-*dinghy* SRL:IT-LOM T3510 C304 ta' l-ghamla *Lomac* 350LX, numru ta' registrazzjoni S-16076.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta'cessjoni ta' l-attur ta' 14 ta' Frar, 2005 (fol. 15);

Rat illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi b’verbal tad-9 ta’ Marzu, 2005 l-avukati tas-socjeta’ konvenuta ddikjaraw illi l-meritu tal-kontrotalba gie esawriet stante illi fil-mori tal-kawza l-attur resaq biex jesegwixxi t-*transfer* mitlub, pero’ zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha, illi stante li c-cessjoni saret minghajr riserva, u stante li l-meritu gie esawrit fil-mori tal-kawza, f’dak il-kaz, allura l-Qorti jidhrilha illi l-ispejjez ghandhom ikunu sopportati interament mill-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba stante c-cessjoni, kif ukoll il-kontrotalba tas-socjeta’ konvenuta stante l-verbal tad-9 ta’ Marzu, 2005 tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------